Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.**

Il-Pulizija
(Spt. Antonello Grech)
(Spt. Maurice Curmi)
\- vs -
Joseph Mangion
Sandro Degabriele
Albano Grima u
Lorraine Grima

Seduta tal-lum14 ta' Gunju 2002,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Joseph Mangion, Karta tal-Identita' 112373(M); Sandro Degabriele Karta tal-Identita' 168979(M); Albano Grima Karta tal-Identita' 245769 (M) u Lorraine Grima Karta tal-Identita' 115674(M), kif riportati a fol wiehed tal-process bil-mod segwenti:

> talli f'Ghawdex, flimkien ma' persuni ohra, fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Novembru, 1997 d'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti pero' li jiksru l-istess disposizzjoni tal-kodici Kriminali:
>
> A) talli fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Novembru 1997 fil-Munxar, Ghawdex ikkommettew serq ta' diversi oggetti mill-fond Munxar Mini Market fi Triq ix-Xlendi, Munxar, liema serq hu aggravat bil-mezz, vjolenza numerika, bil-hin u bil-valur li jeccedi l-elf lira;
> B) talli fl-istess data, hin u cirkostanzi fil-Munxar Mini Market, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' John Attard;

C) Talli fl-istess lejl bejn it-8 u d-9 ta' Novembru, 1997, fix-Xlendi, ikkommettew serq ta' diversi oggetti mill-fond Villino Mare, fi Triq il-Qsajjem, Xlendi liema serq hu aggravat bil-mezz, lok, vjolenza numerika u bil-hin;

D) Talli flistess data, lok hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu tas-sid Villino Mare fi Triq il-Qsajjem, Xlendi;

E) Talli fl-istess data, fix-Xlendi fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Novembru, 1997 ikkomettew serq ta' diversi flixken tal-birra u minerali minn garage minghajr numru fi Triq il-Qsajjem, Xlendi, liema serq hu aggravat bil-hin, vjolenza numerika W il-mezz;

F) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu jhwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' Michael Galea;

G) Talli fix-Xlendi fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Novembru, 1997 dahlu fi flat minghajr numru fi Triq il-Qsajjem, Xlendi b'wiehed mill-mezzi msemmija fl-artikoli 264, 265 u 266 tal-kodici Kriminali f'cirkostanzi li jidher li l-hsieb taghhom kien li jikkomettu serq mill-istess fond bi ksur tal-Artikolu 330 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijijet ta' Malta;

H) Talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor ghad-dannu ta' Mons. Saviour Debrincat;

I) Talli fix-Xlendi fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Novembru, 1997, ikkommettew serq ta' diversi oggetti mill-fond Moby Dives, Triq il-Gostra, Xlendi, liema serq hu agravat bil-valur, vjolenza numerika, bil-mezz u bil-hin;

J) Talli fix-Xlendi, fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Novembru, 1997, ikkomettew serq ta' diversi oggetti mill-fond Josie'sSupermarket, Triq ir-Rabat, Xlendi, liema serq hu aggravat bil-hin, mezz u bil-vjolenza numerika u bil-valur li jeccedi l-Lm1000;

K) Talli fl-istess data, fix-Xlendi, hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara hew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' sid Josie's supermarket;

L) Talli fil-jiem ta' qabel il-11 ta' Novembru, 1997, f'dawn il-Gzejjer xjentement laqghu ghadnhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehudha b'qera jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahhlu sabiex ibieghuhom jew imexxuhom;

Nakkuzaw ukoll lill-Sandra DeGabrieli wahdi talli f'dawn il-Gzejjer fl-ahhar gimghat qabel l-10 ta' Novembru, 1997, saq meta kellu l-licenzja tas-sewqan sospiza b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-12 ta' Gunju, 1997 u b'hekk gie li saq minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta jew garanzija dwar riskji ta' terzi persuni;

Nakkuzaw ukoll lil Albano Grima, Joseph Mangion u lil Sandro DeGabriele talli saru recedivi b'sentenzi definittivi u li ma jistghux iktar jigu mhassra;

Nakkuzaw ukoll lil Joseph Mangion wahdu talli kiser id-dispposizzjonijiet tal-Artikolu 9 Kap 152 tal-Ligijijet ta' Malta moghtija lilu fid-29 ta' Jannar, 1996 mill-Qorti tal-Magistrati.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali tad-19 ta' Frar, 1999 skond l-artikolu 370 (3) sabiex l-imputati ikunu iggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputati irregistraaw in-nuqqas ta' oggezzjoni taghhom sabiex il-kaz taghhom ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja u dan skond il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Novembru, 1997 u tal-27 ta' April 1999;

Semghet il-provi bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputati kollha kif registrati fil-verbal tas-seduta tal-21 ta' Lulju, 2000.

Fuq ammissjoni ghalhekk il-Qorti issib lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

F'dan l-istadju jehtieg ikun ccarat ghaliex is-sentenza f'din il-kawza qed tinghata sentejn wara l-ammissjoni u ghalhekk irid jinghad illi wara li l-kawza kienet differita ghat-3 ta' Novembru, 2000 ghas-sentenza, intalbet is-sostensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza mid-difiza sabiex tinhatar probation officer biex thejji pre-sentencing report u l-kawza kienet differita ghas-16 ta' Frar, 2001. Minkejja id-diversi differimenti li inghataw biex jithejja dan ir-rapport, il-probation officer baqghet ma pprezentat l-ebda relazzjoni u

ghalhekk il-Qorti finalment irrevokat l-inkarigu sabiex ma jintilifx aktar zmien inutilment.

Dwar il-piena, ikkunsidrat illi kif jirrizulta mill-atti fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Novembru, 1997 l-imputati gew fil-gzira ta' Ghawdex u ghamlu stragi shiha konsistenti f'sensiela ta' serqiet u konsegwenti hsarat fil-proprjeta biex wettqu l-istess serqiet. Wara l-ammissjoni taghhom, l-imputati issa qieghdin jinterpellaw il-klemenza tal-Qorti biex tapplika il-piena fil-minimu taghha.

Ikkunsidrat illi ir-rifurtiva kienet ritornata lid-derubati wara li kienet instabet mill-Pulizija. Ikkunsidrat illi l-imputati Joseph Mangion, Sandro Degabriele u Albano Grima mhumhiex estraneji ghal-dan il-mistier tas-serq u dan kif jirrizulta mill-atti.

Wara li rat l-artikoli 18, 261 (a) (b) (c) (f), 262 (1) (b), 263, 267, 270, 276, 277 (a) (b), 279, 325, 330, 334, 49, 50 u fil-konfront ta' Joseph Mangion l-artikolu 10 (1) (a) tal-Kap 152 u fil-konfront ta' Sandro Degabriele wahdu l-artikolu 15 (1) (a) Kap 65 u 3 (1) u (2) tal-Kap 104;

Wara li semghet ix-xhieda tal-karattru fil-konfront ta' Albano Grima u Sandro Degabriele;

Titratta ma' l-imputati billi tikkundannhom ghal-terminu ta' prigunerija ta' tlett snin mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputati individwalment jikkomettu rejat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien erba snin mil-lum ai termini tal-artikolu 28A tal-kap 9. Inoltre fil-konfront ta' Sandro Degabriele tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal-zmien ulterjuri ta' sena mil-lum

Il-Qorti spjegat ir-responsabilitajiet ta' l-imputati per konsegwenza ta' din is-sentenza sospiza lill-imputati.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur